# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Settembru 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex bħal San Franġisk, inħossu r-rabta li teżisti bejn il-ħlejjaq li lkoll huma maħbubin minn Alla u jixirqilhom kull għożża u rispett.**

**Ninġabar:**
Nimmaġina lili nnifsi f'wied sabiħ, nisma' l-ilma ġieri ta' nixxiegħa, inħares lejn il-ħaxix, il-fjuri u l-għasafar tas-sema. Naħseb ftit dwar l-effett li jħallu fuqi l-pjanti jew l-annimali li nħobb. Nirrifletti wkoll fuq in-nies u l-imġiba tagħhom mal-bqija tal-ħolqien.

**Fatt ċkejken:**



Il-famuż qaddis San Franġisk t'Assisi kien ġej minn familja sinjura. Missieru riedu li jkun negozjant tad-drapp bħalu. Iżda minn mindu kien żgħir, San Franġisk kien iħobb jgħin lill-fqar u biż-żmien, l-imħabba tiegħu għal Ġesù wasslitu biex jagħmel għażla ta' ħajja sempliċi u ta' qadi għall-oħrajn. Kulħadd jaf kemm San Franġisk kien iħobb il-ħolqien u din ir-relazzjoni tiegħu mal-ħlejjaq kollha kienet timlih b'ferħ kbir. Kull ħaġa ħajja kien isejħilha 'ħija' jew 'oħti'; kien ikellem 'l-għasafar, u n-nies ta' żmienu nnutaw li anke l-annimali kienu jagħtu kasu. Fil-fatt jingħad li kien hemm lupu feroċi li kien jattakka n-nies u jiekol il-bhejjem tal-irziezet. Dan il-qaddis resaq lejh u għalkemm il-lupu kellu ħarsa ta' theddid, San Franġisk żamm il-kalma u sejjaħlu 'ħija lupu'. Il-lupu waqaf u qagħad jisimgħu waqt li l-qaddis ċanfru talli kien jattakka lill-bnedmin u lill-bhejjem. U San Franġisk wiegħdu li jekk ma jkomplix iġib ruħu ħażin, ta' kuljum jingħatalu biżżejjed x'jiekol. U minn dakinhar 'il quddiem, il-lupu mmansa u kien idur mal-belt qisu kelb ġwejjed u kien iġib ruħu tajjeb ma' kulħadd, kemm mal-kbar u kemm maż-żgħar.

**Naħseb ftit:**
Kif inqisha d-dinja li ngħix fiha, riżorsa biex nużaha għall-interessi tiegħi biss, jew bħala 'oħti' u 'ħija' li jixirqilhom kull rispett u kull għożża?

**Nitlob:**
Agħmel Mulej, li bħal San Franġisk, aħna wkoll inġarrbu l-ferħ li jagħtina l-ħolqien kollu meta nirrispettawh u ngħożżuh. Nitolbuk ukoll biex nieħdu ħsieb tal-ifqar persuni tal-familja umana li l-aktar ibatu minħabba l-użu ħażin tar-riżorsi tad-dinja tagħna.

**Kliem ta' dawl:**
Ma jkun hemm l-ebda tiġdid fir-relazzjoni tagħna mal-ħolqien, jekk l-umanità stess ma tiġġeddidx.

*Papa Franġisku, Laudato Si', 118*

**X'nista' nagħmel:**
Nieħu l-ħin biex nirrifletti dwar l-effett li għandu l-aġir tiegħi ta' kuljum fuq l-ambjent u d-dinja ta' madwari. X'nista' nagħmel biex innaqqas l-użu tar-riżorsi u nippromwovi r-riċiklaġġ? Nipprova nsib il-ħin biex nara l-vidjo 'The Letter Movie', ibbażat fuq l-enċiklika tal-Papa 'Laudato Si': https://www.laudatosi.org/the-letter/the-letter-movie-a-message-for-our-earth/